# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. DUNCAN BORG MYATT**

**Udjenza tal-25 ta' Jannar 2024**

**Talba nru. 222/2020**

**CITADEL INSURANCE PLC**
**(C-21550)**
**KIF SURROGATA FID-DRITTJIET TA' MARIA ODETTE FARRUGIA**

***VERSUS***

**KUNSILL LOKALI QORMI**

**IT-TRIBUNAL,**

Ra illi b'Avviz tat-Talbaipprezentat fit-22 ta' Settembru 2020 is-socjeta attrici talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut Kunsill Lokali ihallas id-danni sofferti li jammontaw ghal erbgha mija u ghoxrin Ewro u tnax-il centezmu (Eur 420.12) konsistenti f'Eur 55 rapprezentanti excess imhallsa mill-attrici Maria Odette Farrugia u Eur 365.12 imhallsa mis-socjeta attrici. Bl-Ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficcjali 2412/19 ubl-imghax legali.

Ra r-risposta tal-Kunsill Lokali Qormi ipprezentata fl-4 ta' Novembru 2020, fejn eccepixxa illi l-Kunsill ma giex imharrek kif mitlub mil-Ligi u li l-kunsill mhu bl-ebda mod responsabbli ghall-allegat incident u konsegwenti danni.

Ra l-atti processwali.

Ra d-dokumenti prezentati.

Sema x-xhieda.

Sema t-trattazzjoni ta' l-abbli difensuri.

Ra li din il-kawza thalliet ghas-sentenza.

Provi

Illi qabel ma dan it-Tribunal jghaddi biex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, ikun utli illi l-ewwel issir sintezi tal-provi migjuba.

Fis-seduta tad-19 ta'Jannar 2021 xehed Natalino Agius li ghamel is-survey fuq il-vettura assikurata mis-socjeta attrici. Ix-xhud jelenka illi il-vettura kienet Toyota Yaris, metallic brown u kellha hsara fuq ir-rota ta' wara tan-naha tax-xufier, ghafsa fuq il-mudguard u hdejn il-mudguard. Dan kollu gie dettaljat f'survey report illi jinsab a Fol.15 u 16. Ix-xhud ighid illi l-vettura kellha ghafsa zghira 'l fuq.

Xehed Dr. Jonathan Gatt li jokkupa l-kariga ta' Legal Officer fi hdan is-socjeta attrici, fejn spjega illi l-assikurata hija Maria Odette Farrugia li hallset l-ammont ta' Eur 55 bhala excess. Jghid ukoll illi s-socjeta attrici hallset l-ammont ta' Eur 365.12 fi hsarat li garrbet il-vettura, u spjega l-hlasijiet fiex kienu jikkonsistu.

Fit-13 ta' Lulju 2021 xehed ukoll PL 1307 Lydon Baldacchino li qal li kien xoghol bhala orderly Hal Qormi u kien dahal il-kwerelant Omar Farrugia biex jaghmel rapport li jinsab a fol.69. Ix-xhud ighid illi huwa kien ra l-hsarat li garrbet il-vettura. (Fol.65). Ix-xhud ighid ukoll illi r-rapport sar fl-ghassa tal-Pulizija ghaliex f'kazijiet bhal dawn, il-Pulizija ma tmurx fuq il-post.

Xehed Mark Farrugia li qal li kien qed isuq il-vettura tal-mara ta' l-ghamla Toyota Yaris, numru ta' registrazzjoni LDA-883, meta baqa niezel go hofra u wara li sema d-daqqa kien niezel jiccekkja u ra mudguard imtella l fuq.(Fol.88) Mistoqsi jekk kienx niezel dak il-hin li sema d-daqqa jew wara, x-xhud wiegeb illi ma kienx nizel mill-vettura wara d-daqqa, izda l-hsarat rahom x hin wasal fil-garage. Bhala sewwieq ma setax jara il-hofra minhabba li kien bil-lejl u l-hofra kienet mimlija bl-ilma. Din il-hofra kienet fonda madwar 19-il centimetru.

Ix-xhud ighid illi mad-daqqa kien waqaf ftit u kompla jsuq, minghajr ma hareg mill-karozza. L-ghada ta' dan l-incident kien hallas Eur55 lil insurance u wara ha r-ritratti tal-hofra.

Xehed Ivan Schembri li xoghlu huwa li jsewwi l-karozzi bhala panel beater taht l-isem Diss Garage li spjega x-xoghol li sar fuq il-vettura a fol.104.

Xehed David Sutton fid-29 ta' Novembru 2022 illi qal a fol.118A illi t-triq fejn sehh l-incident ma taqax taht toroq arterjali jew distributorji u ghaldaqstant taqa taht ir-responsabbilta tal-Kunsill Lokali, li f'dan il-kaz huwa Qormi.

Fis-seduta ta' l-24 ta' Jannar 2023, xehdet is-segretarja tal-Kunsill Lokali Qormi, Karen Camilleri, illi qalet illi l-Kunsill konvenut, kien ircieva korrispondenza ufficjali f'Novembru 2019 fuq dan l-incident u ghaldaqstant il-kunsill ma setax jivverifika jekk kienx hemm il-hofra jew le. Izda meta x-xhud iccekkjajt ma sabitx li kien hemm xi ilmenti fuq hofor fi Triq il-Wied fiz-zmien ta' l-incident.

Is-segretarja tal-kunsill kompliet tixhed fis-17 t'April 2023 fejn qalet illi, *" . . . . u sibt li fit-3 ta' Dicembru ta' l-2018 fi Triq il-Wied kien dahal. . . . fil-Kunsill kien dahal rapport ;Ii fi Triq il-Wied ftit metri l boghod mir-razzett l-antik kwazi kantuniera ma' San Frangisk kien hemm hofra*." (Fol.132) Fil-fatt fid-dokument ipprezentat mix-xhud a Fol.144 jidher illi kien dahal ilment fit-3 ta' Dicembru 2018 li jghid "*ftit metri l boghod mir-razett l-antik kwazi kantuniera ma Triq San Frangisk*"

Kunsiderazzjonijiet

Illi din il-kawza tikkoncerna hsarat li garrab assikurat tas-socjeta attrici fil-vettura tieghu wara li allagetament baqa diehel go hofra fi Triq il-Wied, Qormi, liema hofra huwa ma setax jara minhabba li kienet mimlija bl-ilma u kien bil-lejl. Is-socjeta attrici qed titlob minghand il-Kunsill Lokali Qormi l-ammont ta' Eur 420.12 li jirraprezenaw it-tisiwjiet li kienu mehtiega kif ukoll Eur 55 ghal excess imhallsa mill-assikurat.

Jibda biex jinghad illi mix-xhieda prodotta, partikolarment ta' David Sutton, ma hemm l-ebda dubju illi t-triq in kwistjoni u cioe Triq il-Wied, taqa taht il-mansjoni tal-Kunsill Lokali Qormi. Dan ifisser illi l-manutenzjoni tat-triq taqa taht ir-responsabbilta tal-konvenuti. Stabbilit dan il-fatt, allura t-Tribunal irid jevalwa jekk hemmx konnessjoni bejn il-hsarat fil-vettura mal-hofra li allegatament kien hemm fit-triq imsemmija.

Is-socjeta attrici ipprezentat l-ircevuti li juru l-hlasijiet li saru sabiex gew imsewwija l-hsarat li garrbet il-vettura. Inghatat ukoll spjegazzjoni dwar x'kien hemm bzonn li jigi imsewwi fil-vettura kagun tad-daqqa li hadet il-vettura. Ix-xhud Natalino Agius, li huwa surveyor, jispjega li d-daqqa li kien hemm fil-vettura hija kompatibbli ma daqqa ta' xi haga li niezlet u telghet.

Ghaldaqstant it-Tribunal jibqalu fatt wiehed x jistabilixxi – jekk fid-data ta' 6 ta' Dicembru 2018 kienx hemm hofra li setghet ikkagunat dawn id-danni lill-attur. Ix-xhieda tas-Segretarja tal-Kunsill Lokali konvenut, taghti piz kbir lejn dan il-fatt. Fix-xhieda taghha, hija tghid a Fol.132, illi kien hemm rapport ta' hofra, fit-triq imsemmija u tispecifika, li qrib ir-Razzett l-Antik. Din id-deskrizzjoni tal-post ta' fejn kienet tinsab din il-hofra taqbel mal-post deskritt mill-assikurat anke fir-rapport li huwa ghamel fl-ghassa tal-Pulizija l-ghada ta' l-incident. Huwa minnu wkoll illi s-Segretarja tal-kunsill tghid illi din il-hofra kienet giet rimedjata mill-haddiema tal-kunsill stess izda ma kienetx f'pozizzjoni illi tikkonferma d-data ta' meta giet imsewwija din il-hofra.

Il-Kunsill konvenut jargumenta u jibbaza d-difiza tieghu fuq il-fatt li mhux minnu li kienet ghamlet ix-xita u ghaldaqstant it-toqba ma setghetx tkun mimlija bl-ilma. L-emfazi tal-konvenut hija bbazata fuq li l-assikurat qed jinganna meta jghid illi t-toqba ma rahiex ghaliex kienet bl-ilma. Huwa minnu li r-rapprezentanta ta' l-ufficcju metereologiku stqarret illi ma kienetx ghamlet xita f'dik il-gurnata u lanqas lejliet ghajr ghal 0.1mm.

Izda jibqa fatt stabbilit illi fit-3 ta' Dicembru 2018 kienet tezisti hofra fi Triq il-Wied, qrib tar-Razzett l-Antik, liema hofra kellha bzonn li ssir manutenzjoni taghha mill-Kunsill konvenut. Meta saret it-tiswija baqa ma giex accertat. Di piu, l-vettura ta' l-assikurat garrbet hsarat meta niezel go hofra f'din l-istess parti tat-triq u garrab danni li gew ppruvati. Anke kieku wiehed kellu jimxi mat-tezi tal-kunsill konvenut, u cioe illi l-assikurat tas-socjeta attrici garrab id-danni fil-vettura permezz ta' xi incident iehor, huwa inverosimili illi l-assikurat kien jaf b'din il-hofra fi Triq il-Wied b'certezza li jispjega anke kemm-il boghod mir-razzett l-antik.

Illi ghal dawn il-motivi u anke a bazi ta' l-evidenza prodotta mis-socjeta attrici, dan it-Tribunal huwa moralment konvint ill l-hsarat imgarrba mill-assikurat tas-socjeta attrici huma kagun ta' din il-hofra.

**Decide**

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qieghed jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi jilqa t-talbiet attrici u konsegwentament jikkundanna lill-Kunsill Lokali konvenut ihallas l-ammont ta' erbgha mija u ghoxrin Ewro u tnax-il centezmu (Eur 420.12) lis-socjeta attrici, bl-imghaxijiet bir-rata ta' 8% fis-sena fuq dan l-ammont dekorribbli mill-22 ta' Settembru 2020 u li jibqa' ghaddej u jiddekorri sad-data tal-hlas effettiv u finali. L-ispejjez gudizzjarji marbuta ma' dawn il-proceduri, inkluz dawk rigward l-eccezzjoni preliminari huma kollha a kariku tal-konvenut.

**Avv. Duncan Borg Myatt**
Gudikatur